MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 165/2001/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Carmelo Spiteri u Rite Mix Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-Korporazzjoni attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' seba mija u tnejn u tletin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm732.51) rapprezentanti danni mill-konvenuti jew minn minnhom ikkagunati f'cable tad-dawl propjeta tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar d-19 ta' Lulju 1999 gewwa Triq l-Imdina, Qormi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Dicembru 2000, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali. Il-konvenuti gew ngunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 7, 9, 18, 22 kif ukoll dak risultanti mill-verbal tas-seduta tallum stess.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-istess Korporazzjoni attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-13 ta' Mejju 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti Carmelo Spiteri u Rite Mix Limited sabiex jhallsu, nofs (1/2) kull wiehed, is-somma ta' Lm732.51,0 komplessivament, bl-imghaxijiet legali mill-ewwel (1) ta' Dicembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-ewwel (1) ta' Dicembru 2000.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------